# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 13**

**Rikors numru 59/19/1 BS**

**Anthony Bugeja**

**v.**

**[1] Grievances Board għall-Uffiċjali Pubbliċi**
**[2] Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-People And Standards Division**
**[3] Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex f'isem u għan-nom tal-istess Ministeru**
**[4] Segretarju Permanenti ewlieni fl-uffiċju tal-Prim Minstru**
**[5] L-Onor. Prim Ministru**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur Anthony Bugeja, datat 8 ta' Awwissu, 2019, li permezz tiegħu ngħad:

"Illi permezz ta' ċirkulari bir-referenza OPM 24/2017 – The setting up of the Grievances Board for Public Officers, ġie kostitwit Grievances Board għall-Uffiċjali Pubbliċi.

Illi l-esponenti intavola talba tiegħu permezz ta' ittra tal-21 ta' Frar 2018 fejn talab li jiġi ikkumpensat wara li tiġi investigata inġustizzja li saret fil-konfront tiegħu.

Illi permezz ta' ittra tal-14 ta' Frar 2019 huwa ġie infurmat mis-Segretarju Permanenti Joyce Cassar illi:

> "Il-Grievances Board isib li s-Sur Anthony Bugeja effettivament kien iwettaq ammont ta' xogħol ogħla mill-grad tiegħu. Għaldaqstant, għalkemm ma jistax jilqa' t-talba tas-Sur Bugeja li jingħata 'time in lieu' bħala kumpens, il-Bord qed jirrakkomanda li s-Sur Anthony Bugeja jingħata kumpens ta' darba, sħiħ u finali ta' €2,000."

Illi għalkemm l-esponenti jaqbel mal-konklużjoni tal-Bord fejn effettivament sab li huwa kien sofra inġustizzja fil-konfront tiegħu, huwa ma jaqbilx mal-kumpens likwidat.

Illi dan il-kumpens li ġie likwidat favur tiegħu mhux talli ma jipprovdix rimedju adekwat, talli huwa inġust minnhu innifsu.

Illi ġja la darba l-Bord irrikonoxxa li s-Sur Bugeja kien filfatt ordnat jagħmel xogħol ta' skala akbar għal diversi snin (xogħol fi skala 13 mis-sena 1998 sas-sena 2003 u xogħol fi skala 12 mis-sena 2004 sas-sena 2013), il-kumpens likwidat kellu jkun propju d-differenza fil-paga illi kien jirċievi.

Illi b'żieda ma' din iċ-ċifra wieħed għandu jistenna ukoll imgħaxxijiet legali fuq l-imsemmi ammont u kif ukoll kumpens għad-danni sofferti.

Illi d-deċiżjoni tal-konvenuti jew min minnhom hija waħda li tikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tagħhom jew min minnhom billi din saret għal għanijiet mhux xierqa u msejjsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti kif ukoll tmur kotra l-liġi. Il-likwidazzjoni li saret hija waħda arbitrarja għall-aħħar u ma tipprovdix rimedju adekwat.

Illi minkejja li l-esponenti ipprotesta ruħu permezz ta' Protest Ġudizzjarju tad-9 ta' Lulju 2019 bin-numru ta' referenza 29/2019 fl-ismijiet Anthony Bugeja [K.I. 42864G] vs Grievances Board għall-Uffiċjali Pubbliċi Et. l-intimati baqgħu inadempjenti.
Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha issir din il-kawża.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

> 1. Tiddikjara li d-deċiżjoni tal-Grievances Unit konvenut tal-14 ta' Frar 2019 hekk kif ikkonmunikata lilhu mis-Segretarja Permanenti Joyce Cassar u dak kollu li ppreċediha tikkonstitwixxi għemil amministrattiv sindikabbli minn dina l-Onorabbli Qorti a tenur tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;
>
> 2. Tiddikjara li l-istess att amministrattiv sar bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili peress li huwa ultra vires stante li l-konvenuti jew min minnhom naqsu milli josservaw il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv u fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil, l-istess egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita pubblika, l-istess egħmil amminstrattiv ġie ibbażat fuq konsiderazzjonijiet li ma humiex raġenevoli u l-istess egħmil amministrattiv mar b'modijiet oħra kontra l-liġi għar-raġunijiet fuq imsemmija u raġunijiet oħra li jiġu elaborati u spjegati waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;
>
> 3. Konsegwentament tannulla u tħassar id-deċiżjoni fuq imsemmija u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu l-ammont ġust u adegwat dovut lill-atturi skond ma jiġi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.
>
> Bl-ispejjes inkluż dawk tal-Protest Ġudizzjarju sureferit, bl-imgħaxijiet legali u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fis-17 ta' Settembru, 2019, mill-Grievances Board għall-Uffiċjali Pubbliċi, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-People & Standards Division, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex f'isem u għan-nom tal-istess Ministeru, is-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-Onor. Prim Ministru, illi permezz tagħha eċċepew:

> "Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:
>
> <u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>
>
> 1. Illi preliminarjament, il-Grievances Board ghall-Ufficcjali Pubblici m'ghandux personalita` guridika kwindi m'ghandux standi

judicio fi proceduri legali u li ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi preliminarjament, ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12, l-esponenti Avukat Generali u l-Onor. Prim Ministru m'humiex il-legittimi kontradditturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi l-esponenti Segretarju Permanenti fi hdan il-People and Standards Division, Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Ufficcju tal-Prim Ministru m'humiex il-legittimi kontradditturi ghax m'ghandhomx il-jedd li jindagaw fid-decizjoni kif moghtija mill-Grievances Board;

Eċċezzjonijiet fil-mertu

4. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

5. Illi r-rakomandazzjoni u decizjoni moghtija mill-Grievances Board huma gusti u msejsa fuq konsiderazjonijiet rilevanti illi ttiehdu wara li jkun sar skrutinju profond tal-ilment, fosthom tar-rikorrent. Tul il-process tal-evalwazzjoni tal-ilment, ir-rikorrent kellu l-fakolta' illi jinstema, li jipprezenta dokumenti ulterjuri, u li jiltaqa' mal-membri tal-Bord. Illi minkejja illi l-Grievances Board waslu biex irrakommadaw li r-rikorrent jinghata kumpens dan ma jfissirx illi dan l-ammont kellu jirrifletti l-flus totali ta' xi hatra li r-rikorrent gie mcahhad minnha, u lanqas ma jfisser illi l-Grievances Board qablu perfettament mal-ilment tar-rikorrent. Il-Grievances Board ghamel l-evalwazzjonijiet tieghu u wasal biex jirrakommanda l-ghoti ta' dak il-kumpens wara li ha konjizzjoni tad-doveri li saru oghla mill-grad tas-Sur Bugeja ta' dak iz-zmien biss u mhux id-doveri kollha li kien qieghed iwettaq;

6. Illi l-Grievances Board ma seta' qatt jiehu konjizzjoni u jinvestiga ingustizzji li jmorru lura ghal izjed minn seba' snin qabel Marzu 2013, u dana skont ic-Cirkolari OPM nru 24/2017 li waqqaf u jirregola l-istess Bord. Ghaldaqstant jista' jinghad bic-cert illi l-kalkoli kif mahduma mir-rikorrent tal-ammont illi hu jidhirlu illi kien misthoqqlu zgur illi m'humiex korretti stante li dawn imorru lura ghas-sena 1998. Inoltre, ir-rikorrent qatt ma seta' jinghata time-off in lieu, kif talab fl-ilment, peress li dan huwa regolat bir-regolamenti tal-Public Service Management Code li jirregola l-ufficjali pubblici u li jipprekludi kumpens ghal time-off in lieu wara erba' gimghat;

7. F'kull każ, mhux minnu li l-eċċepjenti abbużaw mis-setgħa tagħhom, jew b'xi mod aġixxiew b'mod irraġonevoli jew mhux proporzjonat.

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

9. Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent."

3. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) – Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tat-28 ta' Ottubru, 2022, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi, filwaqt li ddisponiet mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hemm deċiż, ċaħdet it-talbiet attriċi fis-sħiħ, bl-ispejjeż a karigu tal-attur.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"B. Provi:

Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':

Anthony Bugeja, l-attur, xehed permezz ta' affidavit.[1] Jgħid li bejn l-1998 u l-2013 huwa kien impjegat bħala *senior clerk* fi skala 14. Jgħid li mill-Kajselli, fix-Xewkija, Għawdex kien ġie trasferut f'sezzjoni tal-materjal tal-kostruzzjoni. Jgħid li xogħlu kien ta' skrivan fejn, fost affarijiet oħra, kien iżomm rendikont ta' x'jidħol u joħroġ materjal u jara li l-istess materjal ikun maħżun u disponibbli. Jgħid li eventwalment spiċċa mix-xogħol (bil-pensjoni) ċertu Coronato Calleja, li kien *foreman* li kien jieħu ħsieb għaxar ħaddiema billi jieħu r-rassenji, jieħu ħsieb il-*leave*, jqassmilhom ix-xogħol x'jagħmlu, u anke jiffirma il-*master roll* li fuqha jinħadmu s-salarji f'uffiċju ieħor. Jgħid li wara dan, ma' ġiex impjegat xi ħadd minflok Coronato Calleja iżda minflok, xogħol dan Calleja spiċċa jagħmlu hu. Jgħid li b'hekk, minbarra xogħolu ta' *senior clerk* huwa kien qiegħed jagħmel ukoll xogħol ta' *assistant technical officer (foreman)* li huwa ta' grad kbar minn dak li kien qiegħed jitħallas għalih.

Jgħid li fl-2004 kien kiteb lid-Direttur (dak iż-żmien kien Joseph Portelli) u kien talbu sabiex għalmenu d-differenza fil-paga jeħodha f'*time off in lieu.* Iżid li għal din l-ittra baqa' mingħajr tweġiba.

[1] A fol 6 sa 7.

Jgħid li huwa baqa' ma ġiex ikkumpensat għas-snin ta' xogħol fi grad għola li kien qed jagħmel.

Jispjega li wara dan, huwa daħħal ilment sabiex jiġi trattat quddiem il-Bord ta' l-Ilmenti u li, wara xi sena, tramite ittra ffirmata mis-Segretarju Permanenti Joyce Cassar, kien ġie nfurmat li l-Bord ikkonkluda li huwa tassew għamel xogħol li ma' tħallasx tiegħu u li kien għalhekk ġie mogħti kumpens ta' elfejn ewro (€2000).

Jgħid li għalkemm huwa sodisfatt li ngħata raġun madankollu s-somma mogħtija ma tikkumpensahx għax-xogħol żejjed li għamel.

Jinkludi rendikont magħmul minnu rigward valuri ta' paga li skond hu ġie mċaħħad minnhom tul is-snin mill-1998 sa l-2013.[2]

In kontro eżami[3] jgħid li meta rtira Coronato Calleja huwa beda jagħmel ix-xogħol tiegħu. Jgħid li Coronato kien tekniku, kien *foreman*, jieħu ħsieb il-ħaddiema, mentri huwa uffiċjalment kellu jagħmel xogħol klerikali. Jgħid li huwa dam ikopri dawn iż-żewġ karigi, waħda teknika u oħra klerikali mill-1998 sal-2013. Jgħid li fuq hekk huwa kien bagħat ittra lil ta' fuqu, Victor Scicluna, iżda qatt ma' rċieva risposta. Jgħid li huwa rid li jġibu ħaddiem ieħor sabiex ikopri x-xogħol tekniku iżda ma' nġieb ħadd. Jgħid li huwa kien isaqsi kif jistgħu jirranġaw iżda baqa' jkopri x-xogħol. Jgħid oriġinarjament huwa kien skrivan klerikali. Jgħid li peress li baqa' mibgħajr risposta imbagħad mar il-*Grievances Board*. Jgħid li attenda seduta Malta. Jgħid li ma' jafx x'kienu l-kundizzjonijiet tal-*Grievances Board* inkluż jekk setgħax jisma biss ilmenti li jmorru sa' 7 snin qabel l-2013.

James Pearsall, li kien *Chairperson tal-Grievances Board*, xehed[4] li l-proċedura hija li hemm l-unita' ċentrali li fiha għaxar (10) unitajiet differenti u dan minħabba l-volum ta' ilmenti li kien hemm. Jgħid li l-unitajiet jagħtu d-deċizjonijiet b'sistema fejn ilmenti simili, tal-istess livell, ikun hemm bilanċ fl-eżitu tad-deċiżjonijiet dwarhom, inkluż billi jaraw ukoll li d-deċiżjonijiet ikunu jottemperaw rwiehom mar-regolamenti tal-Gvern u l-liġijiet applikabbli.

Jgħid li l-attur kien għamel l-ewwel ilment li ġie deċiż mill-unita' partikolari. Iżid li min din id-deċizjoni saret revizjoni (*review*) mill-*Grievances Board*. Jgħid li dan iseħħ sabiex jekk ikun hemm informazzjoni li ma' kienitx ġiet sottomessa fl-ewwel istanza, wieħed kellu ċ-ċans iressaqa.

---

[2] Rendikont a fol 7.
[3] Sedura tal-4 ta Frar, 2022.
[4] A fol 46 sa 58.

Jgħid li l-attur applika mal-*Grievances Board* li twaqqaf fl-2017 meta huwa (ix-xhud) kien *Chairperson* tal-bord li ha d-deċiżjoni. Iżid li fil-każ ta' l-attur id-deċiżjoni ttieħdet fl-14 ta' Frar, 2019.

Jispjega li l-*Grievances Board* kien forma ta' appell (ta' *review board)* mid-deċiżjoni li tkun ħadet l-unita' li tkun indagat l-ilment.

Jikkonferma li l-*Grievances Board* iddeċidiet li fil-każ ta' l-attur kienet saret inġustizzja u dan, allura, kien ħaqqu kumpens ta' elfejn ewro (€2000).

Jispjega illi l-bord setgħa jagħti kumpens ta' mhux anqas minn elf ewro (€1000) u mhux aktar minn sebat' elef u ħames mitt ewro (€7500). Jgħid li dan joħroġ mill-ewwel ċirkolari ta' l-2014.

Jgħid li fil-każ ta' l-attur il-bord sab li l-ilment kien ġustifikat u allura, li kien hemm inġustizzja, u dak kien l-ewwel pass. Jgħid li wara dan, dwar il-kumpens il-bord iħares lejn il-livell ta' inġustizzja li jiġi ppruvat.

Iżid li sabiex il-bord jasal għall-ammont likwidat f'kumpens ma' tiġix applikata xi formula matemetika.

Jgħid li mill-memorja jiftakar li t-talba ta' l-attur kienet maqsuma u allura fil-komputazzjoni tal-kumpens jagħti l-każ li huma qablu ma' xi fatturi iżda mhux ma' oħrajn; li mhux kull ma' talab l-attur kien ġustifikat.

Rigward parti mit-talba li saret mill-attur, jiftakar li din kienet għal *time off in lieu*. Jgħid li dwar dan hemm regolamenti tassativi li *time off in lieu* jista' jintalab biss minn ħaddiem wara li jkun ħadem overtime. Jispjega li l-attur ma' ħadimx overtime u għalhekk ma setgħax javvanza talba għal *time off in lieu*. Jgħid li kieku t-talba ntlaqgħet dan kien jkun fisser ksur tar-regolamenti.

Iżid li t-talba ta' l-attur għal *time off in lieu* saret minnu fuq allegazzjoni li għamel xi xogħol li skontu, kien għola mill-grad tiegħu. Jgħid li madanakollu rriżulta lill-bord li ħafna mix-xogħol li nissel l-attur għal dan il-għan kien fil-fatt fil-grad tiegħu. Jispjega li, per eżempju, *time sheets* u *sick leave* kienu fil-fatt jaqghu fil-mansjoni ta' l-attur.

Jgħid li huma l-inġustizzji saru kalkulabbli mill-2007, sebgħa (7) snin qabel l-2014, mhux mil-1998. Jgħid qabel l-2007 kien hemm kummissjoni u l-Ombudsman u l-attur setgħa mar hemm.

Rigward il-kumpens ta' elfejn ewro (€2000) jinsisti li fil-komputazzjoni ta' din iċ-ċifra huma raw u kkunsidraw il-provi mressqa mill-attur, inkluż li xi xogħol li kien qed jagħmel kien

jaqbeż il-grad tiegħu. Jgħid li kkunsidraw ukoll il-preċedent ta' każijiet simili. Jikkonferma li l-attur ikun responsabbli sabiex jissottometti dokumenti varji iżda huma jkunu wkoll talbu dokumenti lilu u ġabru files personali neċessarji sabiex isostnu d-deċiżjoni.

Fuq ilment rigward talba għal *time off in lieu* jgħid ukoll li dan irid ikun pruvat b'dokumenti maħruġa mis-superjuri ta' ħaddiem li juru li ħaddiem ikun intalab sabiex, u qad għax xogħol wara l-ħin. Jgħid li fil-każ ta' l-attur ma' kienx hemm dokumenti bħal dawn.

In kontro-eżami[5] jgħid li sabiex jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu l-bord jimxi maċ-ċirkulari UPM 24/2017. Jispjega li l-bord ikun semgħa lir-rikorrenti (l-attur) u jkun ukoll tah kull opportunita' jressaq dokumenti. Iżid li filfatt l-attur kien ippreżenta affidavit kif ukoll id-dokumenti kollha li dehrlu li kienu important għal każ tiegħu. Jgħid li saħansitra meta applikant ikun illitterat jgħinuh rigward xi provi jrid iressaq. Iżid li għalhekk jeżisti l-*Grievances Board*.

Dr. Joyce Cassar, Segretarju Permanenti (Nies u Standards), xehdet[6] illi l-*Grievances Board* huwa awtonomu u dan ifisser li hi bħala segretarju permanenti ma' tindaħallux fid-deċizjonijiet li jasal għalihom.

Tispjega li l-*Grievances Board* twaqqaf fl-2017 għax qabel (issemmi l-2014) kien hemm bordijiet varji għal ilmenti f'oqsma partikolari. Il-*Grievances Board* li twaqqaf fl-2017 jinvestiga l-ilmenti kollha.

Tispjega li l-*Grievances Board* jibgħatu għax-xhieda, jinvestigaw u janalizzaw il-każ, u l-involviment tagħha jkun biss fl-aħħar nett meta l-*Grievances Board* jagħmel proposta u hi jkollha l-opportunita' tistaqsi għalfejn waslu għal dik il-proposta jew tiġbed l-attenzjoni għal xi fattur li jidhrilha li jkun rilevanti. Tgħid li meta jaslu għal qbil fuq deċiżjoni finali hija tiffirma l-istess flimkien maċ-*Chairperson* u hemmhekk din ma' tibqax proposta imma ssir deċiżjoni amministrattiva finali li tiġi mibgħuta lill-persuna konċernata.

Tispjega li b'dan il-proċess id-deċiżjoni finali hija tagħha. Iżżid li fil-fatt, jekk hi ma' taqbilx mal-proposta, hi tgħid lill-bord sabiex jirrevedu l-każ u ttihom ir-raġunijiet tagħha għalfejn ma' qablitx mall-proposta. Tinsisti li hi ma' tindaħalx fil-proċess tal-bord iżda dan jagħti rakkomandazzjoni li tasal għandha għall-approvazzjoni tagħha. Tgħid li jekk hi ma' taqbilx tibgħata lura u tgħid għalfejn sabiex jikkunsidraw il-punti tagħha wkoll.

---

[5] A fol 58 sa 59.
[6] A fol 60 sa 71.

Tgħid li ġialadarba hija ffirmat l-ittra li ntbagħtet lill-attur, dan seħħ għax hija kienet qablet mall-konkluzzjonijiet milħuqa, inkluż għal kumpens ta' elfejn ewro (€ 2000).

Tispjega li l-Gvern għandu ħaddiema li jaħdmu fi skali u fi strixxi differenti. Tgħid li hemm l-istrixxa teknika u l-istrixxa amministrattiva. Tgħid li min ikun jaħdem fl-istrixxa teknika ma jistax sempliċiment jimxi lateralment u jgħaddi sabiex jibda jaħdem fl-istrixxa ammistrattiva. Tgħid li skrivan anzjan ma jistax jimxi lateralment u jsir *foreman*.

Tispjega li tradott għal kżz odjern l-attur kien impjegat fi skala 13 u ma setgħax jingħata *deputising allowance* billi skond ir-regoli li joħorġu mill-*Public Service Management Code*, biex tieħu dik it-tip ta' allowance trid minn ta' lanqas tkun impjegat fi skala 10. Iżżid li l-post li tiegħu wieħed ikun qed jitlob li titħallas din l-*allowance* jkun vojt u li min jitlobha jrid ikun qed jagħmel ix-xogħol kollu mitlub minn dak il-post u mhux parti minnu.

Rigward il-każ ta' l-attur tgħid li l-attur kien senior clerk u kien qed jiffirma l-attendenzi, pero' ma kienx qed jagħmel ix-xogħol kollu ta' uffiċjal tekniku bħala dak il-post li kien vakanti u li kien ta' grad għola minn tiegħu. Il-mili ta' l-attendenzi huma parti biss mix-xogħol tal-post vakant. Tgħid li hija dan ikkonfermatu personalment.

Iżżid li għalhekk, il-bord qabel li l-attur kien qed jagħmel xi xogħol ta' livell għola mill-grad tiegħu imma ma' kienx qed jokkupa dak il-post totalment.

Tfakkar li quddiem il-bord l-attur ma' talabx għal kumpens iżda talab li jingħata *time off in lieu,* li kienet talba li tmur lill'hemm minn dak li kellha tkun it-talba tiegħu. Tgħid li dan jingħata biss meta individwu jaħdem *overtime* u minflok kumpens fi flus għal dak l-*overtime* jingħata *time off in lieu*. Tgħid ukoll li dawn is-siegħat iridu jiġu utilizzati fi żmien erba' (4) ġimgħat.

Tgħid li fil-każ ta' l-attur, lanqas kien hemm prova li nħadem overtime, u, anke kieku kien hemm, l-erba' (4) ġimgħat kienu jkunu qabżu. Tgħid li allura, il-bord, gialadarba hass li parti mill-ilment kien ġust (għax ra li l-attur ħadem parti mil-post vakanti li kienet għola mill-grad tiegħu), għadda sabiex taħ kumpens ta' elfejn ewro (€ 2000) li hija qablet miegħu għax l-attur ma' kienx jagħmel il-funzjoni sħiħa ta' *foreman*.

Iżżid li kif il-bord ikun wasal għal dik iċ-ċifra ma' tafx pero' tgħid li jista jkun li aġixxew fuq bażi ta' raġjonevolezza tenut kont tax-xogħol li kien għamel l-attur. Tfakkar li kull ma' kien għamel l-attur kien li ħareġ *timetable* għal-għaxar (10) min-nies u ffirma *role out.*

Tisħaq li l-ammonti f'kumpens jingħataw abbażi ta' konvinzjoni morali u mhux għax hemm xi formula matematika li l-bord jimxi fuqha.

Tgħid li f'każijiet fejn il-kumpens jista jinħadem matematikament, bħal per eżempju fejn inqabżu *items* (bħal *allowances*) kwantifikabbli, dan jinħadem b'dak il-mod. Iżżid li fil-każ ta' l-attur il-każ ma' kienx hekk u l-kumpens ma' setghax allura jinħadem bil-matematika u ġiet applikata r-raġuni. Tgħati bħala eżempju li jekk minn kien jokkupa post sħiħ ta' kariga 'il fuq mil-grad tiegħu ingħata l-massimu li huwa capped għal € 7500, mela wieħed minn hemm jista' jiddeduċi kumpens ad hoc f'każ bħal ta' l-attur. Tgħid li allura l-valur tal-kumpens ikun intlaħaq fuq konvinzjoni morali ta' dak li l-bord ikun ħass li ħaqqu l-applikant.

Tgħid li rigward l-attur hija ċċekjat x'kien qed jagħmel bħala xogħol u tgħid li kien qed jagħmel xi xogħol 'il fuq mil-grad tiegħu imma mhux ix-xogħol kollu ta' *foreman* li jikkomprendi ċerta skills li bħala senior clerk li huwa llum huwa *customer care official*, l-attur ma' setgħax kellu, ma' setgħax jagħmel xogħol tekniku, u ħadd ma' pprova li għamel xogħol tekniku u ndustrijali. Tkompli tgħid li peress li l-attur ma' kienx qed joqod wara l-ħin u jagħmel *overtime* waqt li kien qed ikopri xi xogħol minn kariga 'l fuq mill-grad tiegħu, hija setgħet ukoll ssaqsi jekk allura kienx qed jagħmel xogħolu kollu iżda dan ma' saqsietux. Iżżid li dan ukoll jaffetwa l-kalkolu tal-kumpens għaliex foreman jista' anke jintalab jaħdem is-Sibt u l-Ħadd, mentri jekk l-attur kien qed jiffirma attendenzi u role out dan kien qed jagħmlu fl-40 siegħa tiegħu. Tgħid li hija ċċekjat kienx qed jagħmel opvertime anke peress li l-attur talab it-time off in lieu. Tgħid li kieku sabet li kien għamel *overtime* kien jitħallas tiegħu. Tgħid kieku fit-*time off in lieu* kienet tidħol il-formula matematekali għax tikkalkula tant siegħat għal tant dovut li l-bord kien jara li ma' jdaħħalx mal-policy tal-*capping*.

Iżżid li fir-rendikont li għamel l-attur ma' l-affidavit tiegħu kien qed jinkludi ċifri pagabbli f'paga lill-persuna ngaġġjata fi grad għola minn tiegħu, li ma' jistax jagħmel. Tgħid li kieku huwa bħala *senior clerk*, kien għamel xogħol ta' prinċipal li jaqa' fl-istess grad tiegħu, kieku setgħa jagħmel kalkolu hekk għax grad bi grad, skala ma' skala, l-istess linja. Tgħid li fil-grad li qiegħed l-attur, u anqas biss jista japplika għal dik il-pożizzjoni.

Ittenni li l-attur kien qed jgħamel biss parti zgħira mix-xogħol tal-grad għola u dan minbarra l-fatt li l-grad li tiegħu kien qed jagħmel ix-xogħol żejjed ma kienx fl-istess strixxa u għalhekk il-bord ma' setgħax joħroġ id-differenza fil-paga kif qed jippretendi l-attur.

Saviour Tabone, *Senior Principal* xehed[7] illi huwa kien responsabbli mill-finanzi u r-riżorsi umani u l-attur kien jaħdem f'wieħed mill-imħażen li kien jaqa' taħtu. Muri d-dokument "GB3" eżebit man-nota tal-konvenuti tal-25 ta' Mejju, 2021, jagħraf li dik l-ittra kienet rilaxxata minnu.

Jispjega li l-attur beda' jaħdem magħhom fl-1998 u qablu kien hemm żewġ individwi, wieħed fl-istrixxa amministrattiva u l-ieħor fl-istrixxa teknika; Thomas Sacco li kien *Executive Officer* u Coronato Calleja li kien *Supervisor*.

Jgħid li meta spiċċaw dawn it-tnejn min-nies daħal flokhom l-attur. Ifisser li l-attur beda' jieħu hsieb is-sezzjoni waħdu u allura x-xogħol beda jagħmlu waħdu, inkluż ta' dawk it-tnejn li qabel kienu jaħdmu fl-istess żmien, mhux wieħed bidel lill-iehor. Jinsisti li l-attur kien jagħmel xogħol ta' dawn it-tnejn, inkluż xogħol tekniku. Isemmi bħala eżempju li l-attur kien jagħmel l-attendenza, jgħid lill-ħaddiema fejn ser iħottu materjal, u jieħu ħsieb *health and safety*.

Jgħid li uffiċjalment il-kariga ta' l-attur kienet ta' *Senior Clerk*.

Jiċċara li x-xogħol ta' *Executive Officer* huwa *clerical stream*, kif kien dak uffiċjali ta' l-attur, iżda dak ta' *Supervisor* m'huwiex għax huwa tekniku (*technical stream*). Jgħid li taħtu l-attur kellu xi 10 individwi.

Jispjega li l-għola grad li kien hemm fuq il-post wara ta' l-attur kien ta' bajjad u kaħħal u allura ma' kienx hemm *supervisor*. Iżid li huma spiċċaw li lill-attur biss kienu jkellmu għax huwa kien hemm. Jgħid li dan baqa' hekk sa l-2013.Jiġifieri minn meta beda sa' l-2013.

Jiddeskrivi x-xogħol ta' *Executive Officer* bħala ta' *stock take officer;* jieħu ħsieb jara li materjal fl-imħażen fadal, jordna meta ma' jkunx fadal, u jżomm inventarju. Jgħid li dan kien xogħol l-attur bħala *Senior Clerk*. Iżid li iżda apparti dan, l-attur kien jieħu hsieb ukoll ix-xogħol ta' tekniċi, li suppost kien hemm ma' kienx hemm, li kien jinkludi immaniġġjar tan-nies (bħal li jara li jidħlu fil-ħin u jaħdmu skond prattiċi tax-xogħol). Jgħid li dan xogħol tekniku li kien qed jagħmel l-attur.

Edward Grech, *Senior Principal*, xehed[8] li huwa mpjegat fid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani fil-Ministeru għal Għawdex. Eżebixxa dokumenti li juru l-pagi governamentali pagabbli fl-iskali 12, 13 u 14 bejn is-sena 1998 u is-sena 2013.[9]

---

[7] Seduta tad-9 ta' Lulju, 2021.
[8] Seduta tad-9 ta' Lulju, 2021.
[9] Dokumenti gew ezebiti bhala DOK EG1 waqt ix-xhieda tieghu tad-9 ta' Lulju, 2021.

Joseph Xiberras xehed[10] illi jaf lill-attur u ilu jaħdem miegħu sa minn meta huwa laħaq *Principal Technical Officer*. Jispjega li uffiċjalment l-attur kellu xogħol klerikali, pero' billi l-*Assistant Principal* (Thomas Sacco) u l-*Foreman/Supervisor* (Coronato Calleja) kienu spiċċaw, ix-xogħol beda jagħmlu l-attur. Jgħid li allura l-attur kien jagħmel ukoll ix-xoghol ta' foreman. Jgħid li l-attur biss kien hemm jieħu ħsieb, inkluż lill-ħaddiema bħala tekniċi, għax meta daħal hu, daħal jagħmel ix-xogħol ta' tnejn, l-*Assistant Principal* u l-*Foreman.* Iżid li allura l-attur qed jagħmel ix-xogħol li suppost jagħmel, klerikali, u x-xogħol tekniku.

Jiċċara li l-attur daħal bħala klerikali, u kien qed ikopri dak ix-xogħol kif ukoll ix-xogħol tekniku fejn dak tekniku suppost jieħu ħsieb *foreman/supervisor*. Jiddeskrivi x-xogħol klerikali bħala ta' stock take officer; jieħu ħsieb jara li materjal fl-imħażen fadal, jordna meta ma' jkunx fadal, u jżomm inventarju (*ledgers*). Jgħid li min-naħħa l-oħra xogħol tekniku, bħal ma kien ta' Coronato Calleja, jinvolvi l-għoti ta' ordinijiet lill-ħaddiema, inkluż rigward xogħol li kellhom jagħmlu kuljum, supervizjoni li x-xogħol minnhom qed isir sew, u supervizjoni ta' attendenza, *leave, u sickleave*.

Jgħid li taħtu, l-attur kellu xi għaxar (10) min-nies li kienu tekniċi. Jgħid li allura l-attur kien jagħmel xogħol oltre l-klerikali liema xogħol ma' kienx fil-linja tiegħu iżda fil-linja ta' *supervisor*.

Jgħid li kemm huwa u kemm l-attur kienu fis-sezzjoni tal-manutenzjoni ta' uffiċini tal-Gvern, toroq, bankini, ħitan tas-sejjiegħ u dak relatat u dan għal Għawdex u Kemmuna fl-intier tagħhom. Jinsisti li l-attur kien ikopri xogħol aktar milli suppost.

In konro-eżami jgħid li għalkemm l-attur ma' kienx imur jagħmel xogħol manwali, bħal per eżempju jaqta' ħadid jew iħallat konkos, jekk per eżempju kienet issir ordni għall-kaptella, kien huwa li jara x'tip ta' konkos qed isir, jekk it-taħlita hux issir skont l-ordni tal-perit u dak relatat.

Dr. Myrna Azzopardi, Assistent Direttur, People and Standards Division, prodotta mill-konvenuti, xehdet[11] illi rigward it-tabella esebita ma' l-affidavit ta' l-attur a fol 7 tal-proċess, din turi biss il-massimu ta' kull skala.

Tgħid li fis-sistema taċ-Ċivil, f'kull skala l-ewwel ma tibda mill-minimu ta' dik l-iskala u tibqa' tipprogressa sal-massimu. Tispjega li kull skala trid tittieħed fil-kuntest tal-grad u l-istrixxa li tkun fiha. Kull strixxa fiha regoli speċifiċi u hija suġġetta għal ftehim kollettiv differenti minn strixxa oħra. Jiġifieri kull strixxa għandha r-regoli

[10] Seduta tal-5 ta' Novembru, 2021.
[11] Seduta tal-4 ta Frar, 2022.

tagħha u l-progress minn grad għal ieħor fl-istess strixxa jieħu ż-żmien.

Tispjega li skala 14 fl-istrixxa amministrattiva jista jkollha l-istess paga ta' skala 14 fl-istrixxa teknika pero' ir-regoli ta' progression ikunu differenti.

Tgħid li anke kieku tqabbel u tgħid li qed tagħmel xogħol ogħla mill-grad tiegħek, lanqas tieħu d-differenza fil-massimu, iżda dik ta' *the minimum of the next higher grade,* fejn "*grade*" ma tirreferix għall-iskala imma l-għola kariga fil-ftehim. Tgħid li allura mhux lakemm taqbad u tqabbel il-massimu mal-massimu iżda trid tara l-kuntest kollu.

Tgħid li fil-każ ta' l-attur beda' kollox minħabba talba għal *time off in lieu* li m'għandu x'jaqsam xejn ma' diversita' f'paga bejn grad u ieħor jew skala u oħra. Tgħid li ma' jistax jitħallat xi ħadd li qiegħed fil-*general service class* bħal ma' huwa Senior Clerk ma' xi ħadd li qiegħed fit-technical class għaliex in-natura tax-xogħol hija differenti. Tgħid li f'dan il-kuntest it-tabella annessa mal-affidavit ta' l-attur hija verżjoni simplifikata ta' kif jaħdmu l-iscales tal-Gvern fis-sens illi qiegħda tqabbel massimu ma' massimu li ma' tistax issir.

In kontro-eżami tgħid li individwu jagħmel żewġ xogħolijiet f'żewġ grades, wieħed klerikali u ieħor tekniku, kif qed jgħid li kien jagħmel l-attur, mhux każ normali.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll, bhala parti ntegrali mit-talba quddiemha, id-dokumenti sottomessi mill-attur bħala provi ta' l-ilment magħmul minnu quddiem il-*Grievances Board*.[12] Dawn kienu jikkomprendu:

1. Ittra datata d-29 ta' Awwissu, 2018 u ffirmata minn Saviour Tabone, *Senior Principal*, fejn dan jikkonferma li tul is-snin 2004 sa 2006, waqt li kien impjegat fil-Kajselli, ix-Xewkija, Għawdex, l-attur, bħala *Senior Clerk*, kien ukoll responsabbli mill-amministrazzjoni ġornaljera tal-operazzjonijiet fis-sezzjoni tiegħu li solitament huwa xogħol ta' uffiċjal fi grad għola minn tiegħu, ossia, fi grad ta' f*oreman*.

2. Ittra datata t-28 ta' Awwissu, 2018 u ffirmata minn Joseph Xiberras, *Principal Technical Officer*, fejn dan jikkonferma li bejn l-2006 u l-2013, l-attur, bħala Senior Clerk fil-Kajselli, ix-Xewkija, Għawdex, apparti x-xogħol relatat mal-pożizzjoni tiegħu kien ukoll qiegħed jagħmel xogħol ta' grad għola minn dak tiegħu u dan bħala *Acting Foreman*.

C. Ikkunsidrat:

[12] Kif ezebiti mil-konvenuti b'nota tal-25 ta' Mejju, 2021.

Permezz ta' din il-kawża l-attur irid li din il-Qorti timbarka fuq stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni meħuda mill-*Grievances Board* għall-Uffiċjali Pubbliċi. L-attur qed jivvanta din it-talba billi l-bord imsemmi kkonkluda li l-attur kien sofra preġudizzju u ddeċieda li għalkemm ma jistax jilqa' t-talba tiegħu għat-*time off lieu* pero` ħaqqu kumpens ta' elfejn ewro (€ 2000). L-attur jgħid li dan l-ammont mhux wieħed ġustifikat billi filwaqt li l-bord irrikonoxxa li huwa ħadem xogħol ogħla mill-grad li tiegħu kien qed jitħallas, madanakollu l-ammont huwa żgħir wisq u jinsisti li huwa kellu jitħallas id-differenza fil-paga. Jgħid li d-deċiżjoni tal-konvenuti tikkostitwixxi abbuż ta' setgħa billi saret għal għanijiet mhux xierqa u hija bbażat fuq kunsiderazzjonijiet li m'humiex rilevanti.

Minn naħħa tagħhom il-konvenuti jilqgħu għat-talbiet ta' l-attur billi fl-ewwel lok preliminarjament jgħidu li l-*Grieviances Board* għall-Uffiċjali Pubbliċi mhux persuna ġuridika u għalhekk m'għandux *locus standi* u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Rigward l-Avukat Ġenerali u l-Prim Ministru jgħidu li dawn m'humiex leġittimi kontradittturi u għandhom jiġu liberati mill-osservanza wkoll.

Rigward il-mertu jsostnu li d-deċiżjoni li wasal għaliha l-bord hija waħda ġusta. Jgħidu li l-proċess kien jirrispetta s-smigħ xieraq u l-attur kellu kull opportunita' li jsemma leħnu u jippreżenta dokumenti għal l-iskrutinju tal-bord.

Il-konvenuti jisħqu li l-ġurisdizzjoni tal-bord hija limitata sabiex jinvestiga lmenti li jmorru lura sa Marzu 2013 u mhux aktar minn hekk u dan skond iċ-ċirkolari UPM 24/2017. Jgħidu li l-kalkoli tal-attur li jmorru lura sa l-1998 m'humiex korretti.

Għat-talba ta' l-attur għat-*time off in lieu* jgħidu li din lanqas setgħet tiġi kkunsidarat fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-*Public Service Management Code* li jgħid li talba bħal kumpens għal time off in lieu ma' tistax issir wara erba' ġimgħat minn meta jsir l-*overtime*, kif ukoll billi *time off lieu* huwa intrinsikament marbut mal-fatt li l-persuna li titlobu trid tkun għamlet *overtime* u minflok ħlas fi flus għal *overtime* hija titlob it-*time off in lieu.*

Ikkunsidrat Ulterjorment:

In suċċint, l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti huma fis-sens li l-*Grievances Board* għall-Uffiċjali Pubbliċi (minn hawn aktar 'il quddiem msejjaħ "il-bord") għamel rakkomandazzjonijiet u ta deċiżjoni ġusta u msejsa fuq kunsiderazzjonjiet rilevanti li ttieħdu wara li sar skrutinju approfondit ta' l-ilment ta' l-attur fejn, tul il-proċess ta' l-evalwazzjoni, l-attur ingħata l-fakolta' li jinstema' u jippreżenta l-provi tiegħu.

Il-Qorti tibda sabiex tosserva li mill-assjem tal-provi jirriżulta li teknikament il-bord joħroġ biss rakkomandazzjoni, u mhux deċiżjoni, liema rakkomandazzjoni mbagħad tista jew tintlaqa mis-Segretarju Permanenti (Nies u Standards) bil-firma tagħha flimkien ma' dik taċ-*chairperson* tal-bord u ssir deċiżjoni finali[13], jew inkella tiġi miċħuda. Fil-każ odjern intlaqgħet.

Il-Qorti tibda biex tinnota li l-kwistjoni quddiemha tittratta deċiżjoni mgħotija mill-bord wara lment tal-attur. Huwa minnu li matul is-smigħ tal-kawża il-konvenuti jargumentaw illi l-bord jagħmel rakkomandazzjonijiet u mhux jieħu deċiżjonijiet, madankollu meta wieħed janalizza il-proċedura adoperata mill-bord li tinkludi smigħ u ġbir ta' provi u l-evalwazzjoni aħħarija tal-fatti kollha, jgħidu x'jgħidu l-konvenuti, id-deliberazzjoinjiet tal-bord aktar għandhom minn natura ta' deċiżjoni milli rakkomandazzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-firma aħħarija tas-Segretarju Permanenti (People and Standards Division) hija ntiża sabiex tkompli tissiġilla u tagħti s-saħħa amministrattiva lid-deċiżjoni tal-bord u dan sabiex jkun hemm l-implimentazzjoni da parti tad-Dipartimenti konċernati. Infatti Dr Joyce Cassar xehdet illi hija tistrieh fuq dak li jgħid il-bord ġia la darba l-provi jkun semgħahom hu. Infatti jirriżulta li fil-każ tal-lum id-deċiżjoni li ħa l-bord ġiet iffirmata miċ-*chairperson* tal-istess kif ukoll mis-Segretarju Permanenti (Nies u Standards).

Huwa minnu wkoll li l-bord mhuwiex qorti, u lanqas tribunal ġudizzjarju, u għalhekk m'għandux jitgħabba bil-proċedura bħall-Qorti. Madanakollu, dan ma' jfissirx li r-regoli tal-ġustizzja naturali nkluż dawk tas-smiegħ xieraq u l-ħtiġijiet proċedurali, inkluż skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, ma' jestendux għalih.
Il-proviżjonijiet rilevanti ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jaqraw hekk:

"*469A. (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*

*(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

*(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*

*(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*

*(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-*

[13] Ref: xhieda ta' Dr. Joyce Cassar a fol 60 sa 71.

*egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*

*(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.*

*(2) F'dan l-artikolu –*

*"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:*

*[…]*

*"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni."*

Il-Qorti tibda sabiex tosserva illi permezz ta' l-ewwel, it-tieni, u t-tielet eċċezzjonijiet tagħhom, il-konvenuti kollha eċċepew illi l-bord, l-Avukat Ġenerali u l-Onor. Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti (Nies u Standards), is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċju tal-Prim Ministru lkoll m'humiex il-leġittimi kontradittur f'din l-istanza u dan għaliex:

i. il-bord m'għandux personalita' ġuridika;

ii. ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12, l-Avukat Ġenerali u l-Onor. Prim Ministru m'humiex leġittimi kuntradittur; iii. is-Segretarju Permanenti (Nies u Standrads), is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċju tal-Prim Ministru m'għandhomx il-jedd li jindagaw deċiżjoni kif mogħtija mill-bord.

Rigward il-bord u li dan mhux leġittimu kontradittur għaliex m'għandux personalita' ġuridika u allura m'għandux standi judicio fi proċeduri legali, il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni timmerita approfondiment u dan in kwantu għar-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern f'dawn il-proċeduri.

Rigward min għandu ir-rappreżentanza ġuridika tal-Gvern l-Artikolu 181B(1) u (2) tal-Kap. 12 jaqra hekk:

*"181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*

*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

Skont dan l-artikolu, allura, bħala regola l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment inkarigat fil-materja in kwistjoni.

L-istess artikolu jkompli billi jipprovdi illi kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mall-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, iżda dan mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-istess artikolu. Dan ifisser li s-Segretarju Permanenti Ewlieni huwa persuna ġuridika li hija mogħnija bir-rappreżentanza tal-Gvern. Loġikament ġia la darba huwa għandu l-fakulta li jiftaħ kawżi fejn il-materja li tkun trid tiġi mistħarrġa titratta kwistjonijiet ta' impjieg jew obbligu ta' servizz mall-Gvern, allura awtomatikament huwa il-persuna ġuridika li kontriha jridu jinfetħu kawżi meta l-materja tkun dik ġia msemmija.

Il-Qorti tinnota li fl-Artikolu preċitat jissemma biss is-Segretarju Permanenti Ewlieni u l-ebda Segretarju Permanenti ieħor. Ubi lex voluit dixit, u għalhekk segretarji permanenti oħra għajr għas-Segretarju Permanenti Ewlieni, ma għandhomx ir-rappreżentanza ġuridika tal-Gvern.

Rigward il-bord, dan twaqqaf bis-saħħa ta' ċirkolari maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni. Materjalment, l-bord twaqqaf sabiex jwettaq id-deliberazzjonijiet u jagħti rakkomandazzjoni għal deċiżjoni, inkluż kif ġara f'dik li qiegħdha tiġi attakkata b'dawn il-proċeduri. Madankollu, il-bord ma' jaqax taħt id-definizzjoni ta' "awtorita` pubblika" kif definita fl-Artikolu 469A bħala li "*tfisser il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministeri u d-dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi*".

Għalih, għalhekk, għandu jwieġeb is-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rigward il-konvenut, Ministeru għal Għawdex il-Qorti tqis li ma' nġiebet ebda prova dwar l-involviment ta' dan il-konvenut fil-fatti li taw lok għal din il-kawża u għalhekk tqis li dan ma hux leġittimu kontradittur.

Rigward il-konvenut l-Avukat Ġenerali, f'din il-kawża l-Avukat Ġenerali ma' ġiex imħarrek iżda ġie biss notifikat bl-atti tal-kawża u dan ai termini tal-Artikolu 181B(3).

Rigward il-Prim Ministru, l-Artikolu 181B(1) huwa ċar u inekwivoku. Il-punt determinanti huwa jekk il-Prim Ministru kienx involut fl-aġir lamentat. Jekk ma' kienx, allura m'hemmx raġuni għaliex jiġi msejjaħ iwieġeb għall-aġir ta' terzi.
Din kienet il-linja ta' ħsieb li kienet traċċjata fid-deċiżjoni mogħtija nhar id-29 ta` Ottubru, 2020 fl-ismijiet Jimmy Magro et vs Il-Prim Ministru ta` Malta et fejn ingħad:

*"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta` min ghandu jwiegeb ghal xilja ta` ksur ta` jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-ghamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-ghamla ta` rimedju li jista` jinghata. Ilu zmien li l-Qrati taghna gharfu din ir-rejaltà u ghalhekk sawru d-distinzjonijiet mehtiega applikabbli ghall-bicca l-kbira mill-kazijiet. Ghalhekk, illum il-gurnata jingharfu kategoriji differenti ta` persuni li jistghu jitqiesu bhala legittimi kuntradittur f`azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jigifieri (a) dawk li jridu jwiegbu direttament jew indirettament ghall-ghemil li jikser id-dritt fundamentali ta` persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu rrimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-ghemejjel li bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta` xi hadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f`kawza meta kwestjoni ta` xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigh ta` xi kawza f`qorti. Ma` dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawza, jistghu jiddahhlu persuni ohrajn bil-ghan li jaghmlu shih il-gudizzju u jaghmluh rapprezentattiv ta` kull interess involut fil-kwestjoni, l-izjed fejn il-kwestjoni mistharrga fl-ilment tkun tolqot fil-laham il-haj xi jedd jew l-interessi taghhom u biex ikun hemm integrità tal-gudizzju;*

*Illi jekk wiehed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrent f`din il-kawza, wiehed isib li dawn kollha jirrigwardaw il-fatt li l-Kummissjoni kienet qieghda tistharreg ilment maghmul dwaru u t-tfassil tar-rapport li baghtet lill-Ministru intimat. Fi kliem iehor, l-ilmenti tar-rikorrent jintrabtu kollha mal-fatt tal-procediment quddiem il-Kummissjoni. Ghalhekk, bi thaddim ta` dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghall-ilment tieghu la ghandhom iwiegbu l-intimat Prim Ministru u lanqas lintimat Avukat tal-Istat.*

*Fir-rigward tal-ewwel, ma ntwera bl-ebda mod li dan kien wettaq jew ordna li titwettaq xi haga li dwarha jilminta ir-rikorrent; fil-kaz tat-tieni,*

> *lanqas ma ntwera li l-Avukat tal-Istat iddahhal jew indahal fl-ghoti ta` xi parir jew fl-uzu ta` xi diskrezzjoni dipartimentali li dwarha r-rikorrent jghid li garrab xi ksur tal-jeddijiet tieghu. Lanqas ma huwa mistenni li dawn iz-zewg intimati jaghtu lir-rikorrent xi rimedju minnu mitlub f`kaz li l-Qorti ssib li l-ilment tieghu huwa misthoqq;"*

Għalkemm din id-deċiżjoni ngħatat f'kuntest ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, il-prinċipju hemm stabbilit jgħodd *mutatis mutandis* għal sitwazzjoni bħal dik tal-lum.

Il-Qorti hija konsapevoli wkoll li l-istess bord twaqqaf mill-uffiċju tal-Prim Ministru tant li, kif diġa ġie osservat, iċ-ċirkolari li permezz tagħha twaqqaf inħarġet mis-Segretarju Permanenti Ewlieni. Madanakollu, ma' nġiebet ebda prova li turi li l-Prim Ministru kien b'xi mod involut fid-deċiżjoni kkontestata, anzi, mill-provi prodotti jirriżulta ampjament li l-bord igawdi ammont ta' awtonomija. Għalhekk ma jistax ikun mistenni li l-Prim Ministru jwieġeb għat-talbiet attriċi.

L-istess iżda ma jistgħax jingħad għas-Segretarju Permanenti (*People and Standards Division*). Jirriżulta mill-provi akkwiżiti li din is-Segretarju Permanenti iffirmat id-deċiżjoni li wasal għaliha il-bord. Din il-Qorti hija tal-fehma li firma f'dokument ma hix biss daqqa ta' pinna li ma tfisser xejn. Dik id-daqqa ta' pinna tissenjala l-fatt illi l-awtur tagħha qara' d-dokument u qabel pjenament mall-kontenut u għalhekk irrenda ruħu parteċipi u kompliċi. Għaldaqstant din il-konvenuta hija leġittimu kontradittur.

Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti tosserva li mit-talbiet joħroġ ċar li l-ilment tal-attur f'din l-istanza huwa bbażat fuq is-subinċiżi (1)(b) (ii), (iii) u (iv) tal-Artikolu 469A.

Hekk kif ingħad fid-deċizjoni mogħtija nhar it-12 ta' Dicembru, 2011 fl-ismijiet *Said International Limited vs Bank Centrali ta' Malta:*

> "*Dwar din l-azzjoni, din il-Qorti (diversament presjeduta) [PA/JRM] qalet hekk fis-sentenza taghha tal-1 ta` Marzu 2004 fil-kawza "Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta` Malta" li kienet konfermata b`sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Marzu 2007 –*
>
> > *Illi llum huwa accettat li l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija mahsuba biex taghti rimedju lill-individwu dwar l-imgieba tal-awtorita' pubblika fil-konfront tieghu. Is-setgha li tinghata mill-imsemmi artikolu lill-Qorti fil-kompetenza taghha civili dwar ghemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistharreg is-siwi ta' dak l-ghemil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew minghajr ebda effett. Dan tista' taghmlu meta l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgha ta' min wettqu (ultra vires). F'din l-ahhar ipotezi, dan l-eccess ta' setgha jista' jirrizulta meta l-att isir minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata*

> *twettqu, jew meta dik l-awtorita', ghalkemm ikollha setgha twettaq dak l-ghemil, tkun naqset li thares il-principji ta` gustizzja naturali jew htiega procedurali li tabilfors trid thares qabel ma tasal ghal dak l-ghemil, jew jekk l-ghemil jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' dik l-awtorita' billi jsir ghal xi ghan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-ghemil imur b'kull mod iehor li jkun kontra l-ligi. Bil-kelma "ghemil", il-ligi tifhem ukoll cahda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita' pubblika ;*
>
> *Illi din l-impostazzjoni tal-azzjoni tabilfors tnissel il-htiega li l-Qorti tqis x'tip ta' stharrig ghandha taghmel skond il-ligi dwar l-ghemil tal-Bank imharrek. Tali ezercizzju huwa wiehed li jmiss l-aspetti sostantivi tal-kawza prezenti. Illum il-gurnata, l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv tinsab imfissra u delinejata espressament fis-sistema procedurali taghna u l-Qorti hija marbuta li timxi mal-parametri li l-ligi tipprovdi ghal din l-ghamla ta` stharrig, sakemm il-ligi nnifisha ma tipprovdix mod. Wahda minn dawn il-limitazzjonijiet hija li l-ilment imressaq jew ir-rimedju mitlub ma jkunx jista' jinkiseb mod iehor amministrattivament quddiem qorti jew tribunal iehor kif provdut mil-ligi. Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, ma ntweriex li l-kumpannija attrici kellha rimedju iehor procedurali jew statutorju ghall-ilment taghha jekk mhux quddiem din il-Qorti u b'din l-ghamla ta' azzjoni […]"*

Is-subinċiż (ii) tal-inċiż (1)(b) tal-Artikolu 469A:

Skond dan is-subinċiż, l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil.

Hekk kif intqal fid-deċiżjoni preċitata *Said International Limited vs Bank Centrali ta' Malta*:

> *"Fid-dritt amministrattiv ta` pajjizna, li huwa fondat fuq il-ligi Ingliza (ara "Cassar Desain vs Forbes noe" - Qorti ta' l-Appell - 7 ta' Jannar 1935 u "Lowell et vs Caruana et" – Prim'Awla tal-Qorti Civili - 14 ta' Awwissu 1972) kemm il-principju tal-judicial review kif ukoll il-principji tal-gustizzja naturali kienu ilhom jigu applikati ferm qabel mal-Parlament Malti ghamel ligijiet ad hoc sabiex jirregola l-materja. Dan sehh ghaliex il-Qrati Maltin kienu affermaw illi fejn tkun tirrizulta lacuna fid-Dritt Pubbliku (u d-Dritt Amministrattiv huwa fergha tad-Dritt Pubbliku) ghandha tapplika l-Ligi Ingliza. Huwa risaput li l-principji tal-gustizzja naturali huma dawk il-principji minimi li ghandhom ikunu osservati waqt proceduri anke ta` entita' amministrattiva illi ghandha l-kompitu li tiddeciedi dwar fatti li fuqhom imbaghad ghandha l-poter li tiehu decizjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna. Il-principju audi alteram partem jirrikjedi li qabel ma tittiehed decizjoni amministrativa fil-konfront ta' persuna, dan ta' l-ahhar mhux biss ghandu jigi mgharraf, izda ghandu jinghata l-opportunita' li jghid tieghu, fuq kollox*

*jinghata widen tassew ghal dak li ghandu xi jghid, u fl-istess waqt jinghata l-opportunita` li jiddefendi l-kaz kif inhu xieraq."*

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar il-21 ta' Mejju, 2009 fl-ismijiet *Borg vs l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku* ingħad hekk dwar il-prinċipji tal-ġustizzja naturali:

*"Bil-kemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupoluz it-thaddin ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi sabiex wiehed japplikaha. It-tharis ta' dawn il-principji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika ghandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-eghmil amministrattiv. Ghall-kuntrarju in-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji jwassal ghall-irritwalita' tal-eghmejjel hekk imwettqa u ghat-thassir taghhom." (ara wkoll – "Debono vs Phoenicia Systems Ltd" – Appell Inferjuri – 19 ta' Mejju 2004)."*

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar l-14 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet *A & J Ta` Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud* deċiża minn mil-Qorti Kostituzzjonali kien ipprečiżat li:

*"Ovvjament, il-principju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstema', izda li tinghata l-opportunita' tressaq il-kaz taghha."*

Apparti l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, id-disposizzjoni titkellem ukoll dwar ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-egħmil amministrattiv.

Fid-deċiżjoni tal-1985 tal-House of Lords fil-kawża *Council of Civil Service Unions and Others v. Minister for the Civil Service*, ingħad hekk minn Lord Diplock –

*"I have described the third head as 'procedural impropriety' rather than failure to observe basic rules of natural justice or failure to act with procedural fairness towards the person who will be affected by the decision. This is because susceptibility to judicial review under this head covers also failure by an administrative tribunal to observe procedural rules that are expressly laid down in the legislative instrument by which its jurisdiction is conferred, even where such failure does not involve any denial of natural justice."*

L-ilment ta' l-attur taħt dan is-sub-inċiż huwa li l-konvenuti ma tawħx l-opportunita' sabiex jagħmel il-każ tiegħu u jagħti l-ispjegazzjonijiet tiegħu.

Il-Qorti ma' taqbilx ma dan u dan fuq skorta ta' provi miġjuba quddiemha.

Il-Qorti tibda sabiex tosserva li fuq ammissjoni tiegħu stess, l-attur jiddeskrivi fix-xhieda tiegħu kif huwa ntalab jimla formula bl-ilment tiegħu u ntalab ukoll jinżel Malta għal seduta tal-bord.[14]

Apparti dan, il-Qorti tagħmel ukoll referenza ampja għax-xhieda mogħtija minn James Pearsall[15] inkluż in kontro-eżami[16] fejn dan jgħid li sabiex jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu l-bord jimxi maċ-ċirkulari OPM 24/2017. Jispjega wkoll li l-bord ikun semgħa lir-rikorrenti (l-attur) u jkun ukoll tah kull opportunita' jressaq dokumenti. Iżid li filfatt l-attur kien ippreżenta affidavit kif ukoll id-dokumenti kollha li dehrlu li kienu importanti għal każ tiegħu. Kien hemm ukoll Dr. Joyce Cassar[17] li xehdet li l-bord jibgħat għax-xhieda, jinvestiga u janalizza l-każ.

Il-Qorti kif awtorizzata mill-partijiet bil-verbal tat-3 ta' Gunju, 2022 rreferiet ukoll għaċ-ċirkolari OPM 24/2017 li tindika l-proċedura li għandu jsegwi l-bord meta jkun qed jinvestiga lment li jasal quddiemu u ssib li, mill-assjem tal-provi quddiemha, jirriżulta ampjament li l-bord, apparti li onora' il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, irrispetta wkoll il-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-poteri u l-obbligi tiegħu.

Għalhekk ma jistax jingħad li dawn il-prinċipji, inkluż dak tal-*audi alteram partem* ġew mittiefsa bi preġudizzju ta' l-attur u dan tenut kont ukoll tal-fatt li, fl-aħħar mill-aħħar, anke fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza ċċitata, il-Qorti ma' tasalx għal konvinċiment li fit-twettieq ta' l-obbligi u l-poteri tal-bord bilfors irid ikun hemm xi proċeduri twal u sottomissjonijiet fit-tul. Anzi, jirriżulta li l-istabbiliment ta' bordijiet bħal dak mertu tal-kawża odjerna huwa fil-fatt eżrċizzju mmirat lejn l-ispeditezza.

Is-subinċiż (iii) tal-inċiż (1)(b) tal-Artikolu 469A:

Skond dan is-subinċiż, l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires meta dan jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Fis-sentenza preċitata ingħad ukoll:

> *"Fil-kuntest ta` din id-disposizzjoni, jidhol l-element ta` dak li huwa "ragonevoli" (reasonableness) u li ghandu jkun segwit mill-awtorita' pubblika meta tiddeciedi jew tezercita d-diskrezzjoni taghha."*

---

[14] Ref, inter alia, ix-xhieda tal-attur tal-4 ta' Frar, 2022 in kontro-ezami.
[15] A fol 46 sa 58.
[16] A fol 58 sa 59.
[17] A fol 60 sa 71.

L-awtur Wade ("Administrative Law") jikkumenta hekk:

> *"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

Hawnhekk tqum il-kwistjoni dwar *the legal standard of reasonableness* li huwa meħtieġ sabiex jiġi sodisfatt dak ir-rekwiżit għax, kif jikkumenta l-istess awtur, *virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires.*

Ġie konsistentementritenut illi sabiex deċiżjoni titqies raġjonevoli jeħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi (Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et – Appell – 27 ta' Marzu 2009 u Dalli vs Sollars et – PA/RCP – 20 ta' Ottubru 2009).

Lord Greene MR fid-deciżjoni mogħtija fl-ismijiet *Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation* [1948] 1 KB 223 jgħid hekk:

> "*It is true that the discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology commonly used in relation to exercise of statutory discretion often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of the things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably.' Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the power of the authority. Warrington LJ in Short v Poole Corporation [1926] Ch 66 at 90, 91 gave the example of the red-haired teacher dismissed because she had red hair. That is unreasonable in one sense. In another sense it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it may be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another*."

Dwar *irrelevant considerations* Lord Esher MR fil-kawza R. vs St. Pancras Vestry (1890) qal hekk:

> "*They must fairly consider the application and not take into account any reason for their decision which is not a legal one. If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion.*"

Jiġi ritenut li x-xogħol tal-Qorti mhuwiex li sservi ta' appell jew ta' reviżjoni tad-deċiżjoni tal-bord iżda li tqis biss jekk id-deċiżjoni li ha l-istess bord taqax fil-parametri tal-liġi inkluz, fl-isfond tas-subinċiż (iii) tal-inċiż (1)(b) tal-Artikolu 469A, billi ma' tkunx deċiżjoni li tikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-bord liema abbuż jirriżulta meta u jekk id-deċiżjoni tkun issejjset fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar il-11 ta' Mejju, 2010 fl-ismijiet *Fava pro et noe vs Supretendent tas-Sahha Pubblika noe et*, Il-Qorti tal-Appell esprimiet il-ħsieb tagħha bl-aktar mod ċar:

> "*F'kaz li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistharrgu ghemil amministrattiv, il-kompetenza taghhom hi limitata biex tordna li tittiehed decizjoni jew biex thassar dik l-istess decizjoni, pero` ma jaslu qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni flok l-awtorita` kompetenti. Jekk ligi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita` biex dik tiehu d-decizjoni taghha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti.*"

Din il-Qorti għalhekk ma' tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-bord iżda trid tqis jekk fiċ-ċirkustanzi kollha tal-każ id-deċiżjoni li ngħatat kienitx raġjonevoli u jekk, fl-għoti tagħha, ġewx ikkunsidrati kriterji oġġettivi u rilevanti.

Din il-Qorti hija konvinta li f'dan il-każ, il-bord wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li qies l-ilment ta' l-attur b'mod diliġenti u kkunsidra dawk il-fatturi u provi rilevanti kif inġiebu quddiemu mill-istess attur b'mod raġjonevoli.

Il-Qorti tosserva li skont il-provi miġjuba quddiemha l-attur għamel talba speċifika għal *time off in lieu* wara li skont huwa ħadem għal snin twal kemm fil-grad tiegħu kif ukoll fi grad għola minn tiegħu. Dan ma' ġiex ikkontestat mill-attur, anzi, ġie ammess minnu wkoll fl-affidavit tiegħu a fol 6 sa 7.

Il-Qorti tapprezza li r-regoli kkunsidrati mil-bord u applikabbli għal każ odjern rigward l-applikazzjoni tat-*time off in lieu*, kienu dawk enunċjati fil-*Public Service Management Code* li jirregola l-uffiċjali pubbliċi. Dawn ir-regoli huma ċari fis-sens illi l-kumpens fil-forma ta' *time off in lieu* jingħata biss meta jkun hemm *overtime* u l-

impjegat konċernat jitlob li minn flok ħlas fi flus għal *overtime* jingħata sigħat barra mix-xogħol.

Fil-każ odjern l-attur jgħid li huwa ħadem kemm fil-grad tiegħu kif ukoll fi grad għola minn dak miżmum minnu, u kien għalhekk li vvanta t-talba quddiem il-bord għal *time off in lieu*. Quddiem din il-Qorti, Dr. Joyce Cassar, is-Segretarju Permanenti (Nies u Standards) xehedet, li l-attur ma' talabx għal kumpens għax-xoghol li għamel iżda talab li jingħata *time off in lieu*, li kienet talba li tmur lill'hemm min dak li kellha tkun it-talba tiegħu. Tgħid li t-talba tiegħu setgħet tiġi milqugħha li kieku huwa ġab il-prova li ħadem *overtime*. Tgħid li din il-prova ma nġabitx u li l-attur talab għal *time off in lieu* għal xoghol li għamel waqt il-ħin tax-xogħol regolari tiegħu u għalhekk it-talba tiegħu kif ressaqaha hu ma ntlaqgħetx.

Il-Qorti tosserva wkoll li mix-xhieda konsistenti li nstemgħet quddiemha rriżulta li l-attur tassew setgħa kien qiegħed ikopri xi rwoli li jaqaw fi grad għola minn dak tiegħu. Dan stante li huwa, bħala *Senior Clerk*, kien fi grad klerikali u amministrattiv, grad li fil-fatt daħal fih wara l-mewt ta' l-okkupant tal-post qablu, Thomas Sacco, mentri kien qed jagħmel ukoll xi xogħol li kien jaqa' fil-kariga ta' *Supervisor/Foreman* li jaqa' fil-grad tekniku, u dan wara li l-persuna li kienet qabel ingaġġjata f'dan il-grad, ossia Coronato Sacco, rtira.[18]

Jidher li d-diżgwid bejn il-partijiet qiegħed fil-fatt li filwaqt li l-attur jgħid li huwa kien qiegħed ikopri r-rwol ta' *Supervisor/Foreman* fl-intier tiegħu, il-konvenuti jgħidu li dan mhux minnu u li l-parti ta' dan ir-rwol li kien qiegħed ikopri l-attur kienet minima tant li l-attur lanqas overtime ma kien jagħmel sabiex ilaħħaq kemm mal-kariga fil-grad uffiċjali tiegħu kif ukoll ma' xi xogħol ulterjuri.

Infatti, il-konvenuti jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-bord li l-attur ingħata l-kumpens ta' € 2000 billi jinsistu li għalkemm l-attur tassew kopra parti minn rwol li jmur lill'hemm mil-grad tiegħu, dan għamlu b'manjiera limitata, matul il-ħin tax-xogħol tiegħu, u mingħajr ma' kopra dak il-grad kompletament.

Di piu` Dr. Joyce Cassar ikkonfermat ukoll li għalkemm il-bord sab li l-attur tassew għamel xi xogħol il-fuq mill-grad tiegħu, it-talba tiegħu għal kumpens kif kalkolat fid-dokumenti miġjuba quddiem din il-Qorti ma' setgħet qatt tintlaqa' mil-bord kieku din saret ukoll

[18] Il-Qorti hawnhekk tirreleva li fix-xhieda ta' Saviour Tabone tad-9 ta' Lulju, 2021 u dik ta' Joseph Xiberras tal-5 ta' Novembru, 2021 setgha kien hemm xi ftit ta' konfuzjoni fejn dawn qalu li l-attur kopra zewg rwoli addizzjonali. Mid-deskrizzjoni li jaghtu ta' dawn iz-zewg rwoli jirrizulta fil-fatt car li rwol minnhom, dak li kien qabel ta' Thomas Sacco, l-attur hadu over kompletament wara mewt Sacco, meta fil-fatt gie mpjegat hu. Mentri mir-rwol l-iehor, dak li kien qabel ta' Coronato Calleja, l-attur kien qed ikopri xi parti zghira – kif jammettu rrapprezentanti tal-konvenuti stess.

quddiemu u dan anke minħabba l-fatt li bil-mod kif l-attur għamel il-kalkoli tiegħu fid-dokumenti miġjuba quddiem il-Qorti sabiex jilmenta mid-deċiżjoni tal-bord il-kalkoli li għamel jiksru r-regolamenti tas-salarji taċ-ċivil.[19]

Gie anke spjegat għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li t-talba kif magħmulha mill-attur ġiet meqjusa tenut kont tal-minimu u l-massimu tal-kumpens li setgħa jingħata lill-attur wara li nstab li dan kellu raġun b'mod limitat, u ċioe` billi sar eżami komparattiv bejn it-talba ta' l-attur ma dik ta' persuna oħra li lmentat li kienet qed tagħmel xogħol li jeċċedi l-grad tagħha u nstabet li kienet tassew qed tagħmel dan fl-intier tal-pożizzjoni tal-grad għola.

Il-Qorti tosserva wkoll li skont iċ-ċirkolari UPM 24/2017 il-bord ma' seta' qatt jieħu konjizzjoni u jinvestiga allegati nġustizzji li jmorru lura għal iżjed minn seba' (7) snin qabel Marzu 2013 u għalhekk, il-kalkoli kif maħduma mill-attur tal-ammont li skontu kien mistħoqq lilu, li fil-fatt imorru lura għal 1998,[20] qatt ma' setgħu ġew ikkunsidrati mil-bord.[21]

Il-Qorti hija għalhekk konvinta li fl-indaġni tiegħu fil-mertu tal-ilment tal-attur, il-bord qies l-ilment ta' l-attur b'mod ekwu u diliġenti u kkunsidra dawk il-fatturi u provi rilevanti kif inġiebu quddiemu mill-istess attur b'mod raġjonevoli.

Is-subinċiż (iv) tal-inċiż (1)(b) tal-Artikolu 469A:

Skond dan is-subinċiż, l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* meta jkun imur mod ieħor kontra l-liġi.

Din l-allegazzjoni ta' l-attur mhix fondata għaliex hekk kif ġie konkluż minn din il-Qorti fil-paragrafi preċedenti, jirriżulta li l-bord ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-provi miġjuba quddiemu u l-obbligi mposti fuqu."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Anthony Bugeja, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tilqa' l-appell tiegħu, tħassar is-sentenza tat-28 ta' Ottubru, 2022 u konsegwentement tilqa' t-talbiet kollha tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati.

---

[19] Ara wkoll ix-xhieda ta' Dr. Myrna Azzopardi moghtija nahr l-4 ta' Frar, 2022.
[20] Ara t-tabella mal-affidavit tieghu a fol 7.
[21] Ref, xhieda ta' James Persall a fol 46 sa 58.

6. Rat ir-risposta tal-konvenuti kollha, li permezz tagħha wieġbu, li l-appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) tat-28 ta' Ottubru, 2022, għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu nvarjati, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell iġorrhom l-appellant.

7. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat l-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz ta' din il-kawża, l-attur talab li (i) id-deċiżjoni tal-*Grievances Unit* tal-14 ta' Frar, 2019, hekk kif ikkomunikata lilu mis-Segretarja Permanenti Joyce Cassar, u dak li ppreċediha jikkostitwixxi għemil amministrattiv sindakabbli mill-Qorti skont l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; (ii) tiddikjara li l-istess att

amministrattiv sar bi ksur tal-imsemmi Artikolu 469A tal-Kap.12, peress li huwa *ultra vires stante* li l-konvenuti jew min minnhom naqsu milli josservaw il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv u fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil, l-istess għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika, l-istess għemil amminstrattiv ġie bbażat fuq konsiderazzjonijiet li ma humiex raġonevoli u l-istess għemil amministrattiv sar b'modijiet oħra kontra l-liġi għar-raġunijiet hemm imsemmija u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu l-ammont ġust u adegwat dovut lill-atturi skont ma jiġi ppruvat waqt il-kawża.

10. Permezz tas-sentenza tagħha, tat-28 ta' Ottubru, 2022, l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talbiet tal-attur fis-sħiħ, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

11. L-attur ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, ma sar l-ebda appell mill-attur sa fejn l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ddeċidiet l-eċċezzjonijiet preliminari fis-sens li, huma biss is-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti (Nies u Standards) li għandhom iwieġbu għall-pretensjonijiet tal-attur. Għalhekk

id-deċiżjoni li l-ebda wieħed mill-konvenuti l-oħra m'huma leġittimi kontraditturi għat-talbiet attriċi, illum tikkostitwixxi ġudikat.

12. L-ewwel parti tal-appell tal-attur jitratta l-ilment li l-Ewwel Qorti abbraċċjat it-teżi tal-konvenuti li kien fiżikament impossibbli li persuna taħdem żewġ xogħlijiet f'daqqa. Kwindi għalkemm il-konvenuti kkonċedew li l-każ tiegħu kien wieħed *sui generis,* peress li filwaqt li huwa kien impegat bħala *Senior Clerk* (Skala 14) inkarigat minn xogħol amministrattiv fejn kellu jagħmel *stock taking* tal-materjal li jkun dieħel u ħiereġ minn ġewwa l-Kajselli, Għawdex, fl-istess waqt kien tqabbad jagħmel mhux biss xogħol fi grad ogħla minn tiegħu, iżda wkoll xogħol tekniku. Jilmenta li mix-xhieda mressqa mill-konvenuti ħadd minnhom ma kien jaf ix-xogħol li kellu jagħmel, mentri huwa ressaq xhieda kardinali, dik ta' Saviour Tabone u ta' Joseph Sciberras li tikkorrobora dak li ngħad minnu. Jisħaq li għalkemm il-*Grievances Board* aċċetta li huwa kien sofra nġustizzja, ingħata somma rriżorja ta' €2,000, li meta wieħed jikkonsidra l-paga li ffranka l-Gvern jew id-differenza fil-paga li kieku huwa ttella' mqar skala, tirriżulta bħala miżera, li bl-ebda mod ma tqarreb lejn id-dannu mġarrab minnu u dan bi ksur tal-prinċipju ta' *restitutio in integrum.* Jikkontendi li l-membri tal-*Board* ma tawx spjegazzjoni ta' kif waslu għas-somma ta' €2,000 u peress li dan ma kienx każ normali, ma setgħux joħorġu formola matematika li fuqha jibbażaw il-likwidazzjoni. Mentri l-appellant isostni li sabiex jaslu għall-

kumpens ġust, kulma kellhom jagħmlu kien li jikkonsidraw is-salarju li huwa seta' tħallas fi skala ogħla minn dik li kien ingaġġat fiha u li huwa ħadem ix-xogħol ta' żewġ impjegati fi *streams* differenti u fi skala ogħla. Jilmenta li l-Ewwel Qorti ddeliberat fit-tul fuq ir-rimedju ta' *time in lieu* minflok kumpens monetarju, li fil-fehma tiegħu, kienet barra minn lokha ġaladarba huwa ma kienx qiegħed jikkontesta dik il-parti tad-deċiżjoni u kien qiegħed jitlob li jitħallas ammont ġust u adegwat. Inoltre, fil-fehma tiegħu, l-Ewwel Qorti għamlet diversi konsiderazzjonijiet u referenza għall-ġurisprudenza li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ odjern.

13. Fit-tieni parti tal-appell, l-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti kkonkludiet ukoll li l-Bord ma setax jikkunsidra l-inġustizzja li saret mal-attur għall-perjodu li jmur lil hinn mis-seba' snin ta' qabel iċ-ċirkulari UPM 24/2017. Dan meta l-istess ċirkulari kienet tipprovdi mod ieħor, fis-sens li kienet tippermetti li każijiet ta' inġustizzji li jkunu seħħew qabel is-seba' snin preċedenti, xorta waħda setgħu jinstemgħu f'każ li l-konsegwenzi jibqgħu jinħassu matul is-seba' snin preċedenti. Jisħaq li l-inġustizzja li huwa sofra kienet waħda kontinwa u għalhekk il-Bord kien kompetenti li jisma' l-perjodu kollu li fih sofra l-inġustizzja. L-appellant jikkontendi li baqa' jħoss il-konsegwenzi tal-inġustizzja tul is-snin u li dan kellu effett kemm fuq l-avvanz tiegħu fis-servizz pubbliku, inkluż il-paga, kif ukoll fuq il-pensjoni tiegħu meta rtira. Jinsisti li s-somma likwidata hija miżera ħdejn il-flus li ffranka l-Istat mill-paga ta' ħaddiem ieħor.

14. Ilment ieħor tal-konvenut jitratta l-fatt li, għalkemm il-konvenuti jsostnu li l-Board kellu *capping* għall-ammont massimu ta' €7,000, dan huwa *ultra vires* peress li jeżorbita mit-*terms of reference* taċ-ċirkulari relevanti. Jikkontendi li din il-*capping* ma toħroġ minn ebda ċirkulari u li r-rimedju kellu jkun miftuħ u intiż biss sabiex jikkumpensa lill-impjegati b'tali mod li, kemm jista' jkun jitqiegħdu fi stat daqslikieku ma seħħitx inġustizzja. Skont il-konvenut, kien hemm każijiet fejn persuni ħadu kumpens ogħla minn €7,000, kwindi dawn ir-regoli li għalihom jirreferu l-konvenuti lanqas kienu jiġu osservati fil-każijiet kollha.

15. Din il-Qorti taqbel mal-appellati li, fit-tweġiba tagħhom ifakkru li l-azzjoni attriċi hija dik ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-Artikolu 469A(1)(b)(ii), (iii) u (iv) fejn fir-rikors promotur huwa kien qiegħed jilmenta li d-deċiżjoni tal-*Grievances Unit,* kif komunikata lilu mis-Segretarju Permanenti (Nies u Standards) kienet tikkostitwixxi għemil amministrattiv sindakabbli a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Kwindi kien qiegħed jiġi attakkat l-istess att amministrattiv bħala wieħed *ultra vires stante* li jikkontendi li l-konvenuti naqsu milli josservaw il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv u fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil, li l-istess għemil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika, billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa, jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti,

jew l-għemil amministrattiv imur mod ieħor kontra l-liġi. Dan ifisser li l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi l-kawża fil-parametri mfassla mill-istess attur fir-rikors promotur.

16. Tabilħaqq l-appell tal-attur huwa nieqes milli jesponi l-aggravji tiegħu b'mod ċar u ma jidentifikax bi preċiżjoni kif id-deċiżjoni appellata tikkozza mal-provvediment tal-Artikolu 469 A. Iżda l-punti saljenti li joħorġu mill-appell tal-attur dwar il-kontestazzjoni tiegħu dwar is-sentenza appellata huma tlieta:

i. l-apprezzament tal-provi da parti tal-Ewwel Qorti;

ii. li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ddeċidiet li parti mill-ilmenti tiegħu ma setgħux jiġu mistħarrġa mill-Bord, peress li kienu seħħew qabel is-seba' snin minn Marzu 2013;

iii. il-*capping* huwa *ultra vires* peress li ma jirriżultax miċ-ċirkulari in kwistjoni, u li għalkemm applikat fil-konfront tal-attur, kien hemm ħaddieħor li ngħata kumpens ogħla, kwindi huwa prinċipju li ma ġiex applikat fil-każijiet kollha.

17. Illi din il-Qorti tibda billi tirrileva li, kien ikun xieraq li l-partijiet iressqu kopji fl-atti taċ-ċirkulari li jinvokaw sabiex isejsu l-pretensjonijiet u

d-difiża tagħhom rispettivament. Bil-kemm għandu jiġi mfakkar il-prinċipju *quod non est in actis non est in mundo*. Il-fatti li fuqhom irid jiddeċiedi l-ġudikant, iridu jirriżultaw mill-atti, kif ukoll il-ġudikant ma jistax juża jew jagħmel referenza għal affarijiet, jekk dawn ma jirriżultawx mill-atti tal-kawża. Għalkemm id-difensuri tal-partijiet għamlu verbal quddiem l-Ewwel Qorti fis-sens li kienu qegħdin jawtorizzawha tieħu konjizzjoni taċ-ċirkolari OPM 24/2017, li ssemmiet tul il-kawża, kien ikun xieraq li din iċ-ċirkulari tkun esebita fl-atti u mhux jibagħtu lill-Qorti tfittex il-prova li kien jispetta lilhom iressqu fl-atti! Aktar u aktar meta minn qari tal-imsemmija ċirkulari jirriżulta li ssir referenza għal żewġ ċirkulari oħra: 4/2014 u 20/2014, fis-sens li: "*The criteria and conditions detailed in the mentioned circulars issued in 2014 will also apply for this final call.*" Hekk ukoll, meta wieħed jidħol fil-manwal ta' *"One Stop Shop for Public Officers",* kif inkluża fiċ-ċirkulari 24/2017, meta ssir referenza għall-*Grievances Board* jingħad li "*the board will also be looking at cases as per the criteria and conditions listed in OPM Circular 20/2014".* Ġaladarba l-azzjoni attriċi ta' stħarriġ ġudizzjarju kienet qiegħda tattakka d-deċiżjoni tal-*Grievances Unit,* kif komunikata lilu mis-Segretarja Permanenti (Nies u Standards), liema Bord twaqqaf bl-imsemmija ċirkulari, wieħed kien jistenna li l-kejl ta' dak li ġie deċiż ikun ibbażat mhux biss fuq ix-xhieda mressqa, iżda li jiġu esebiti dawn il-kriterji u kundizzjonijiet, li setgħu joffru kejl oġġettiv. Dan mhux mod xieraq ta' kif jitmexxew il-kawżi!

18. Magħmula din il-konsiderazzjoni, jitqies xieraq li l-ewwel jiġi ndirizzat it-tieni lment tal-attur, dak li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ddeċidiet li parti mill-ilmenti tiegħu ma setgħux jiġu mistħarrġa mill-Bord, peress li kienu seħħew aktar minn seba' snin qabel Marzu 2013. Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ssib li l-attur għandu raġun f'dan l-ewwel ilment tiegħu. Dan jingħad b'referenza għax-xhieda li ngħatat minn James Pearsall, Chairperson tas-Central Unit tal-Grievances Board, li waqt is-seduta tas-26 ta' Frar, 2021, xehed hekk:

> *"Dr. Larry J. Formosa: ...naqblu wkoll li intom bħala kompitu kellkom tisimgħu dawk il-każijiet li seħħew fl-aħħar seba' (7) snin, jew inkella dwak il-każijiet li għalkemm seħħew lil hinn mis-seba' snin ta' qabel saret it-talba l-effetti tagħhom baqgħu jinħassu f'dawk is-seba' (7) snin tal-ilment. Naqblu li ċ-ċirkolari kienet f'dak is-sens?*
>
> *Ix-xhud: Da żgur, imma dawk ukoll huma kkwalifiikati. Dawk l-affarijiet li qed tgħid int li l-effett tagħhom seta' kien qabel is-seba' (7) snin, jekk inti kont issib każ ġustifikat bil-provi kollha, bid-dokumenti, u nista' nagħtik eżempji ... ġustifikat bix-xhieda tas-superjuri..."*

19. Isegwi li tabilħaqq l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta osservat li skont iċ-ċirkolari UPM 24/2017 il-bord ma seta' qatt jieħu konjizzjoni u jinvestiga allegati nġustizzji li jmorru lura għal iżjed minn seba' (7) snin qabel Marzu 2013. Dan jingħad ukoll b'referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Ottubru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet **Austin Masini v. Ministeru għas-Saħħa et** fejn ġie assodat:

> *"Il-kompetenza tal-unit iżda ma kinitx biss dwar każijiet li seħħew sa seba' snin qabel l-ilment, iżda wkoll dwar "talbiet imressqa minn uffiċċjali jew impjegati pubbliċi li matul is-seba' snin ta' qabel tressqet it-talba jkunu allegatament batew konsegwenzi minn allegati*

> *nġustizzji li jkunu seħħew fil-konfront tagħhom qabel dan il-perjodu stipulat"*

Għalhekk mingħajr ma tidħol wisq fil-kwistjoni fil-mertu, din il-Qorti tqis it-tieni punt tal-attur appellant bħala validu. Madankollu dan l-iżball waħdu, da parti tal-Ewwel Qorti, ma jfissirx li d-deċiżjoni tal-Bord timmerita li tiġi mħassra. Dan peress, li fil-fatt, mix-xhieda tal-istess Pearsall jirriżulta li huma daħlu fil-mertu tal-argument, iżda qiesu li dan ma kienx japplika għall-attur appellant meta qal:

> "*Da żgur li rajnieha u ħadna konjizzjoni tagħha, imma aħna għidnilu meta issa int qed issemmili n-nineteen ninety eight (1998) dawn is-superjuri bir-responsabilità tagħhom għaliex ma kkonċedewx li jagħtuh dak li kien qed jitlob għal numru ta' snin? ...kienu jafu li ma jistgħux jagħtuhulu dak li kien qed jitlob għax kien kontra r-regolamenti..."*

Isegwi li dan il-punt imqanqal mill-attur appellant, ma jistax iwassal għal dak mitlub minnu.

20. Imiss li jiġu trattati f'daqqa l-ewwel u t-tielet ilmenti tal-attur appellant li fil-verità t-tnejn huma mmirati li jattakkaw il-kumpens akkordat ta' €2,000. Għandu jingħad li, sa fejn l-attur appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti, bħala prinċipju, din il-Qorti, bħala waħda ta' reviżjoni, ma tiddisturbax b'mod leġġer, l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti tal-provi mressqa quddiemha. Bħala regola, din il-Qorti, toqgħod ħafna fuq l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti, sakemm ma jirriżultax li l-konklużjoni milħuqa

minnha, kunsidrati ċ-ċirkostanzi, mhix waħda raġonevoli. Iżda xorta waħda jibqa' l-obbligu li din il-Qorti teżamina mill-ġdid il-provi mressqa, sabiex tara jekk sarx xi apprezzament ħażin da parti tal-Ewwel Qorti. Jirriżulta paċifiku fil-każ in eżami li, l-attur appellant sofra xi tip ta' inġustizzja, peress li l-istess konvenuti appellati aċċettaw dan, tant li akkordaw lill-attur kumpens ta' €2,000. Il-punt ta' kontroversja huwa li l-attur iqis dan l-ammont bħala rriżorju, mentri l-konvenuti jinsistu li dan il-kumpens kien wieħed ġust. Tajjeb li f'dan l-istadju jiġi mfakkar li, f'azzjonijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju mhuwiex xogħol il-qrati li jissostitwixxu d-diskrezzjoni eżerċitata mill-eżekuttiv bid-deċiżjoni tagħhom. L-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti huwa eżami sempliċi, jiġifieri jekk il-konvenuti appellati użawx id-diskrezzjoni tagħhom b'mod raġonevoli.

21. Rilevanti f'dan is-sens hija s-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2019, fil-kawża fl-ismijiet **Mizzi Antiques Limited v. Chairman tal-Malta Enterprise** fejn ingħad hekk:

> "filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli … Huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorità mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[22]. Dan ifisser li l-kejl tar-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[23]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min

[22] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, *Administrative Law* (10tth.. Edit), pġ. 295
[23] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***

> jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[24];"

22. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, fl-affidavit tiegħu, l-attur innifsu jistqarr li t-talba oriġinali tiegħu lid-Dipartiment kienet li jingħata *time off in lieu* wara li għal snin twal huwa ħadem kemm ix-xogħol tiegħu, kif ukoll ix-xogħol fi grad ogħla minn tiegħu. Hekk ukoll mid-deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' Frar, 2019, (ara fol. 5) jirriżulta ċar li t-talba tal-attur kienet tinkludi li jingħata *time off in lieu* bħala rimedju. Mix-xhieda ta' James Pearsall u Joyce Cassar jirriżulta ċar, kif spjegat mill-Ewwel Qorti, li ġaladarba l-attur ma ressaqx prova li kien ħadem l-*overtime,* il-Bord kien prekluż milli jilqa' din it-talba peress li skont ir-regoli tal-*Public Service Management Code, time off in lieu* jingħata biss għal sigħat maħduma bl-*overtime.* Peress li din il-materja kienet parti integrali mid-deċiżjoni amministrattiva in kontestazzjoni, ma tara xejn ħażin li l-Ewwel Qorti ssoffermat ruħha fuq dan il-punt.

23. Jinsab ukoll aċċertat li, l-każ tal-attur kien wieħed *sui generis,* in kwantu għalkemm kien impjegat fiċ-ċivil fil-kariga ta' *Senior Clerk,* iżda kien mogħti wkoll xogħol li kien aktar simili ta' kariga teknika, fejn apparti

[24] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***

xogħlijiet ta' natura segretarjali (li jżomm ir-rassenja u jimla l-*muster roll*) kellu wkoll rwol limitat ta' superviżjoni fuq grupp ta' ħaddiema tekniċi, li huwa normalment assoċjat max-xogħol ta' *foreman*. In kwantu għax-xhieda mogħtija minn Saviour Tabone u Joseph Sciberras, jiġi ppreċiżat li kemm l-Ewwel Qorti, kif ukoll il-Bord qiesu x-xhieda ta' dawn it-tnejn min-nies (ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Pearsall a fol. 56 u d-dokumenti esebiti mill-istess attur quddiem il-Grievances Board – Dok. GB3). Madankollu, jidher li d-deċiżjoni tal-Bord għalkemm kienet dik li twarrab ix-xhieda ta' Tabone u Sciberras fil-kuntest tat-talba tal-attur għat-*time off in lieu* kif spjegat qabel, fl-istess waqt, fuq il-bażi tal-istess xhieda, għarfu li tabilħaqq l-attur kien jagħmel xi xogħol li kien ogħla mill-kariga tiegħu, sabiex waslu li akkordaw kumpens ta' €2,000.

24. Dan iwassal għall-konsiderazzjoni oħra, dik tal-*quantum* tal-kumpens, fejn apparti li fl-ewwel ilment jiddeskrivi dan il-kumpens bħala wieħed irriżorju, fit-tielet ilment saħansitra jiddeskrivi l-*capping* ta' €7,000 bħala wieħed *ultra vires.* Huwa minnu li kemm meta jixhed Pearsall, kif ukoll meta xehdet is-Segretarja Permanenti, saret referenza għall-fatt li minn ċirkulari tat-2014, kellhom stabbiliti linji ġwida li l-massimu tal-kumpens kellu jkun ta' €7,000 (ara fol. 51 u fol. 64). Jiġi ribadit li kien ikun għaqli għall-konvenuti li jesebixxu din iċ-ċirkolari li tistabbilixxi dan il-*capping.* Madankollu dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti kellha twarrab din ix-xhieda. Il-fatt li l-Bord kellu parametri li fihom jiddeċiedi l-każijiet ta'

lmenti dwar inġustizzji li seħħew fl-impieg fis-servizz pubbliku mhijiex fiha nnifisha xi ħaġa ċensurabbli, peress li dan, fih innifsu, jista' jitqies bħala forma ta' kejl. Tant hu hekk li, Pearsall spjega li d-deċiżjoni tagħhom li jakkordaw kumpens ta' €2,000 fil-kuntest li l-attur ma ressaq l-ebda prova li huwa kien jintalab li joqgħod wara l-ħin tax-xogħol biex iwettaq ix-xogħol addizzjonali. Mentri s-Segretarju Permanenti spjegat li kien jingħata s-somma ta' €7,500, kieku ġie ppruvat li apparti x-xogħol ta' *clerk*, kien qiegħed jassumi r-rwol sħiħ ta' xogħol ieħor, mentri f'dan il-każ l-attur ingħata madwar terz tas-somma massima u dan fuq bażi ta' konvinċiment morali dwar l-estent tax-xogħol żejjed li kien jitqabbad jagħmel l-attur waqt il-ħin normali tax-xogħol u mhux fuq bażi ta' formula matematika. Din il-Qorti ma ssib xejn irraġonevoli f'dawn il-kriterji.

25. Huwa minnu li l-istess xhud tispjega li kien hemm ċirkustanzi fejn persuna setgħet tingħata aktar mis-somma ta' €7,500, iżda hija tispjega li dan kien isir fejn ikun hemm lok għal kumpens li jista' jiġi determinat matematikament u ġġib bħala eżempju ħaddiem li jġib prova li minħabba li jkun ingħata xogħol addizzjonali, kellu jaħdem għall-argument numru ta' sigħat *overtime* fil-ġimgħa, li tort nuqqas ta' ħaddieħor ikun baqa' ma tħallasx tagħhom, hemmhekk ikun hemm lok li meta jinħadmu matematikament, in-numru ta' sigħat żejda jitħallsu u allura jista' jkun li jinqabeż il-*capping* ta' €7,500. Fil-fehma tagħha ladarba l-attur ma ressaqx prova li kien qiegħed jibqa' jaħdem wara l-ħin, jew li kien qiegħed

jintalab jidħol jaħdem is-Sibt u l-Ħadd, kif normalment jintalbu li jagħmlu l-*foremen* u kien qiegħed iwettaq xogħol addizzjonali fil-ħin normali tax-xogħol, ma tqisx ġustifikata l-pretensjonijiet tal-attur. Din il-Qorti eżaminat ukoll l-lista ta' mansjonijiet u responsabbiltajiet ta' *Senior Clerk* kif elenkati f'Dok. GB1 u l-mansjonijiet u responsabbiltajiet ta' *Foreman* kif elenkati f'Dok. GB 2 u setgħet tifhem aħjar dak li fissru dawn ix-xhieda. Meta din il-Qorti rat l-ispjegazzjoni mogħtija mill-intimati fil-kuntest tal-ilment tal-attur, u l-provi in atti, għal darb'oħra ma ssib xejn irraġonevoli fid-deċiżjoni amministrattiva mogħtija u kwindi ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza tal-Ewwel Qorti minn dan l-aspett.

26. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar ilment tal-attur appellanti, dak fejn jingħad minnu li kien ikun rimedju xieraq li kieku ngħata ħlas tad-differenza fis-salarju bejn l-iskala li fiha kien impjegat u dik ta' skala ogħla sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu mġarrab minnu u dan b'rispett għall-prinċipju ta' *restitutio in integrum.* Kif ingħad qabel, il-Qorti trid tiddeċiedi fil-qafas tat-talbiet fir-rikors promotur. Fil-każ in eżami, l-attur sejjes it-talbiet tiegħu fuq l-Artikolu 469A(1)(b)(ii), (iii) u (iv), iżda mhux ukoll bħala waħda ta' danni skont l-Artikolu 469A(5) tal-Kap. 12. Isegwi li l-attur ma jistax ibiddel ir-rotta li fuqha beda l-kawża tiegħu f'dan l-istadju inoltrat tal-kawża. Inoltre, s-Segretarja Permanenti spjegat li tali pretensjoni li jitħallas id-differenza bejn skala u oħra lanqas ma hija ġusitifikata, peress li għalkemm l-attur kien impjegat fi skala ma kienx qiegħed iwettaq il-

mansjonijiet kollha ta' persuna fi skala ogħla, iżda kien qiegħed jagħmel parti żgħira minnha.

27. Relevanti wkoll hija x-xhieda da parti ta' Dr. Myrna Azzopardi, li spjegat li l-eżerċizzju mwettaq mill-attur (a fol. 7) huwa bbażat fuq il-massimu ta' kull skala, mentri normalment wieħed jibda mill-minimu u jibqa' tiela' l-iskaluni sakemm titlagħhom kollha, sabiex wara numru ta' snin tilħaq il-massimu ta' dik l-iskala. L-eżerċizzju mwettaq mill-attur huwa nieqes f'dan l-aspett meta jadotta l-massimu ta' kull skala, peress li x-xhud tispjega li meta wieħed ikun qiegħed iwettaq mansjonijiet ogħla mill-kariga tiegħu, normalment jingħata l-minimu tal-iskala sussegwenti. Għalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti minkejja li l-attur kellu rwol *sui generis* fejn kien jaħdem fil-kariga ta' *Senior Clerk,* iżda kien ikollu wkoll xi mansjonijiet li huma ta' *Foreman,* fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula qabel fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-każ in eżami, li d-deċiżjoni kienet waħda raġonevoli, kif ukoll li hemm raġunijiet oġġettivi għala l-pretensjonijiet tal-attur għandhom jiġu mwarrba, ma tqisx li hemm lok li din il-Qorti tħassar id-deċiżjoni amministrattiva. Kwindi minkejja l-iżball riskontrat qabel f'paragrafu 19, tqis li s-sentenza appellata hija ġusta fis-sustanza tagħha u għalhekk, timmerita li tiġi kkonfermata.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, tiddisponi mill-appell tal-attur appellant billi tiċħad l-istess u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) tat-28 ta' Ottubru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da